MALTA

QORTI CIVILI
PRIM'AWLA

ONOR. IMHALLEF
SILVIO MELI
LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;
Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);
P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),
P.G. Dip. European Law (King's College, London).

**Illum l-4 ta' Novembru, 2015.**

**Rikors Numru 911/2011 SM**

**Malcolm James Carter**

**vs.**

***CC Car Parks p.l.c.***

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-16 ta' Settembru, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona is-segwenti:

1.1. Illi fit-22 ta' Jannar, 2009, ir-rikorrenti kien involut f'incident fuq il-post tax-xoghol f'131, *High Street,* tas-Sliema, waqt li kien qieghed jaqdi l-obbligi tieghu mas-socjeta` intimata li kienet timpjegah;

1.2. Illi l-incident kien sehh unikament b'nuqqas tas-socjeta` intimata li tipprovdi ambjent lavorattiv ta' sigurta` kif kienet obbligata li taghmel;

1.3. Illi b'rizultat ta' l-istess ir-rikorrenti sofra dizabilita` permanenti;

1.4. Illi *nonostante* li interpellata biex taghmel tajjeb ghad-danni subiti mir-rikorrenti, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.5. Illi ghaldaqstant adixxa din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.5.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata kienet unikament responsabbli ghall-incident li sehh fit-22 ta' Jannar, 2009, fil-fond 131, *High Street*, tas-Sliema, ghall-habta tas-6.00 p.m., billi naqset li tipprovdi sistema u/jew ambjent lavorattiv sigur meta kienet obbligata taghmel dan;

1.5.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti in vista tad-dizabilita` permanenti li sofra rizultat ta' l-istess, okkorendo bl-opera ta' periti *nominandi*;

1.5.3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati;

1.5.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif dedotti mir-rikorrenti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat iz-17 t'Ottubru, 2011, li permezz tieghu tat l-ewwel struzzjonijiet procedurali fir-rigward, (ara foll 32);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-11 ta' Novembru, 2011, li permezz taghha s-socjeta` intimata sintetikament esponiet is-segwenti:

3.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti *a tenur* ta' l-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3.2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati u ghandhom jigu respinti;

3.3. Illi s-socjeta` intimata mhix responsabbli ghal incident in dizamina *stante*:

3.3.1. Illi l-korriment lamentat mhux imputabbli lis-socjeta` intimata;

3.3.2. Illi l-korriment jirrizulta li kien pre-ezistenti u mhux relatat max-xoghol;

3.3.3. Illi sa Dicembru 2010 ir-rikorrenti qatt ma ilmenta li kellu xi problemi f'darhu;

3.3.4. Illi kull m'ghamel kien li semma li kellu bzonn jaghmel operazzjoni u dan, minghajr m'accenna li din kienet marbuta ma xi korriment fuq ix-xoghol;

3.3.5. Illi b'sens ta' kompassjoni, is-socjeta` intimata kienet indikat li kienet ser tghin lir-rikorrenti fir-rigward;

3.3.6. Illi r-rikorrenti qatt m'irrilaxxa cerftifkati medici in konnessjoni ma l-istess korriment;

3.3.7. Illi fil-ftit okkazjonijiet li r-rikorrenti ha s-*sick leave* lanqas ilmenta li l-allegat incident kien ikkaguna s-suespost;

3.3.8. Illi meta sehh l-incident fi Frar, 2009, ir-rikorrenti ma lmentax li kien wegga fuq ix-xoghol izda hareg biss bis-*sick leave*;

3.3.9. Illi ghalkemm f'din l-okkazzjoni lmenta minn ugiegh ma imputa l-ebda ness ma xi nuqqas tas-socjeta` intimata;

3.3.10. Illi l-ewwel darba li s-socjeta` intimata saret taf li r-rikorrenti qed jivvanta pretensjonijiet fil-konfront taghha kien aktar minn sentejn (2) wara meta fil-15 ta' Marzu, 2011, staqsa lil Franco Pizzuto, direttur tas-socjeta` intimata, jekk din kienitx assikurata;

3.3.11. Illi qabel id-data indikata fil-paragrafu precedenti r-rikorrenti qatt ma lmenta jew ivvanta xi pretensjonijiet fir-rigward;

3.3.12. Illi c-certifikat mediku esebit mir-rikorrenti jindika li l-korriment *de quo* kien gia` jezisti qabel Frar, 2009;

3.3.13. Illi l-manutensjoni generali u z-zamma tal-bini mhix parti mill-mansjonijiet tar-rikorrenti;

3.3.14. Illi d-doveri ta' tindif tar-rikorrenti kienu minimi u wara li ntavola l-ilment tieghu in dizamina, ma thalliex jaghmel aktar dan ix-xoghol;

3.3.15. Illi tichad li r-rikorrenti kellu jigri mat-tarag tal-post tax-xoghol;

3.3.16. Illi l-istess post hu munit b'lift fejn l-impjegati huma liberi li juzawh – hlief li meta jkunu wahidhom, ghalkemm ghandhom struzzjonijiet biex jaraw li ma juzawhx ghal ragunijiet ovvji;

3.3.17. Illi t-tarag mhux fi stat hazin;

3.3.18. Illi qatt ma kien hemm incidenti fit-tarag;

3.3.19. Illi s-socjeta` intimata ma tahtiex ghall-incident li sehh purament tort tar-rikorrenti nnifsu;

3.3.20. Illi *di piu`*, fil-hin ta' l-incident ir-rikorrenti ma kellux ghalfejn jitla` fuq il-bejt *stante* li kwarta qabel il-haddiem ta qabblu kien gia` ezaminah;

3.3.21. Illi *stante* li muniti b'*CCTV* ir-rikorrenti seta` facilment jara kienx hemm xi haga allarmanti;

3.4. Illi rigward il-*quantum* mitlub jinghad li dan hu wiehed ezagerat;

3.5. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat in-nota datata l-21 ta' Dicembru, 2011, li permezz taghha s-socjeta` intimata ddikjarat li m'ghandiex provi xi tressaq dwar l-ewwel eccezzjoni minnha sollevata, (ara foll 45);

5. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-28 ta' Frar, 2012, li permezz tieghu awtorizzat lill-partijiet jittrattaw l-eccezzjoni preliminari bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 47);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijet datata t-8 ta' Mejju, 2012, li permezz taghha s-socjeta` intimata esponiet il-posizzjoni taghha fir-rigward, (ara foll 48), flimkien ma' dik tar-rikorrenti datata t-18 ta' Mejju, 2012, (ara foll 57);

7. Rat il-verbal datat it-23 ta' Mejju, 2012, li permezz tieghu l-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` intimata irtira l-ewwel eccezzjoni ta' l-istess, (ara foll 50);

8. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-23 ta' Mejju, 2012, li permezz tieghu nnominat lill-espert mediku hemm indikat biex jassistiha fir-rigward, (ara foll 51);

9. Rat ir-relazzjoni medika ta' l-espert tekniku nominat datata l-14 ta' Novembru, 2012, (ara foll 94);

10. Rat in-nota tas-socjeta` intimata datata t-8 ta' Frar, 2013, li permezz taghha talbet ghall-hatra ta' periti addizzjonali, (ara foll 101);

11. Rat l-ordni ta' trasferiment ta' kawzi datat l-20 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu l-kawza odjerna giet trasferita lil din il-qorti kif preseduta, (ara foll 136);

12. Rat id-digriet taghha kif preseduta datat il-11 ta' Novembru, 2014, li permezz tieghu, fuq talba ta' l-abbli rapprezentanti tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 157);

13. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata d-9 ta' Jannar, 2015, (ara foll 165), flimkien ma dik tas-socjeta` intimata datata t-30 ta' Marzu, 2015, (ara foll 176);

14. Ezaminat id-dokumenti pprezentati *in atti*, flimkien max-xhieda mismugha min din il-qorti diversament preseduta u mad-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti;

15. Semghet lix-xhieda prodotti quddiemha kif issa preseduta;

16. Semghet it-trattazzjoni orali finali ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

17.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

17.1. Illi qabel xejn jigi kjarifikat li l-incident in dizamina jirreferi ghal dak indikat li effettivament sehh fit-22 ta' Jannar, 2009, (ara foll 1, 48, 158 u 176), u mhux kif allegat fi Frar, 2009, (ara foll 40);

17.2. Illi fit-22 ta' Jannar, 2009, r-rikorrenti kellu jahdem matul il-gurnata fix-*shift* ta' bejn is-6.00 a.m. u s-6.00 p.m. (ara foll 5);

17.3. Illi bhala procedura normali l-verifika tal-post issir fil-bidu tax-*shift* biex wiehed iserrah rasu li ma jkunx hemm sadd matul il-lejl, (ara foll 5);

17.4. Illi meta kif jallega r-rikorrenti tela` fuq biex jaghmel ir-ronda tieghu, daqqet il-qampiena, (ara foll 5);

17.5. Illi r-rikorrenti haseb li xi hadd seta` inqabad fil-*lift*, u jsostni li gera disgha u disghin (99) targa biex mill-bejt fejn kien imur jaghti l-assistenza, (ara foll 5);

17.6. Illi hu u niezel zelaq u wegga` n-naha t'isfel ta' dahru, (ara foll 5);

Ikkunsidrat:

18.0. Illi l-fatti fuq elenkati jigu kkjarifikati bil-mod segwenti mill-*Managing Director* tas-socjeta` intimata:

18.1. Illi *nonostante* li r-rikorrenti allega mal-*Managing Director* li dahal ghax-xoghol aktar tard matul il-gurnata, li kien zelaq fit-tarag ta' l-imsemmi stabiliment, l-istess rikorrenti jirrizulta li kien ghadu jahdem fuq il-post; (ara foll 107 u 158);

18.2. Illi meta impjegat jidhol ghax-xoghol filghodu, dan, flimkien ma l-impjegat li jkun xoghol bil-lejl:

18.2.1. Jeffetwaw *security check*;

18.2.2. Jaghmlu *hand over* tal-flus; u

18.2.3. Kemm il-darba jkun hemm incident jew hsarat, dawn jigu indikati f'*log book* appozitu, (ara foll 158);

18.3. Illi r-rikorrenti kien informa lill-istess *Managing Director* involut li kien fi stat tajjeb u li kien fil-fatt iddecieda li jibqa` fuq ix-xoghol kif fil-fatt ghamel, (ara foll 159);

18.4. Illi meta mistoqsi fejn kien migugh, ir-rikorrenti rrisponda li kien migugh f'saqajh, (ara foll 159);

18.5. Illi effettivament l-istess *Managing Director* isostni li l-incident in dizamina intesa u rega` ssemma` biss sena u nofs wara, (ara foll 159);

18.6. Illi meta hafna aktar tard ir-rikorrenti intalab jaghti ftit taz-zmien lis-socjeta` intimata qabel ma johrog bis-*sick leave* biex ikun operat, l-allegat incident tat-22 ta' Jannar, 2009, ma ssemiex, (ara foll 159);

18.7. Illi z-zelqa in dizamina pero` regghet iffjorixxiet wara li r-rikorrenti beda jindaga, xi sentejn wara l-incident, biex jara jekk is-socjeta` intimata kienitx inxurjata, (ara foll 159);

18.8. Illi *nonostante* l-istess allegazzjoni ma tezisti l-ebda tracca taz-zelqa in dizamina fil-*log book* precedentement indikat, ghall-gurnata *de quo*, (ara 14 u 92);

18.9. Illi *di piu`*, jirrizulta minn xhieda ta' kollega tar-rikorrenti li kien fdat bl-istess xoghol tieghu, li t-tarag li mis-saqaf tal-kumpless jaghti ghall-parkegg kien f'kundizzjoni tajba, (ara foll 155);

18.10. Illi in effetti, l-istess kollega tar-rikorrenti jsostni li meta kien ikun fix-*shift* simili ghal dik li fiha r-rikorrenti wegga, hu kien imur wahdu jivverifika s-sulari kollha tal-parkegg, u kien jaghmel dan bil-mixi, (ara foll 156);

Ikkunsidrat:

19.0. Illi l-gravita` ta' l-akkadut, sottolineat mid-decizjoni medika li konsegwenza ta' l-istess ir-rikorrenti sofra dizabilita` permanenti ta' 10%, (ara foll 98), ma tantx tirrizulta verosinili, u dan, *stante*:

19.1. Illi fil-*log book* tas-socjeta` intimata l-incident lanqas biss gie registrat, (ara foll 4);

19.2. Illi r-rikorrenti kien ibaghti minn ugiegh intermittenti f'dahru qabel l-incident, (ara foll 18);

19.3. Illi wara li informa lis-superjuri tieghu bl-akkadut xorta baqa` fuq ix-xoghol, (ara foll 109 u 158);

19.4. Illi r-rikorrenti rega` interessa ruhhu fl-incident madwar sentejn (2) wara l-allegat akkadut meta fl-2011 rega` beda jindaga jekk is-socjeta` intimata kienitx koperta b'assikurazzjoni, (ara foll 159);

19.5. Illi fil-perjodu intermittenti r-rikorrenti qatt ma ilmenta fir-rigward, (ara foll 110);

Ikkunsidrat:

20.0. Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta wkoll is-segwenti:

20.1. Illi t-tarag in dizamina kien wiehed tajjeb, (ara foll 155);

20.2. Illi peress li inzerta li meta r-rikorrenti kien fuq il-bejt meta cemplet il-qampiena u kien ghalhekk kostrett jinzel isfel diversi sulari malajr kemm jista` jkun, (ara foll 5), ir-rikorrenti tfixkel, bil-konsegwenzi kollha allegati;

20.3. Illi fis-sentejn intermittenti bejn l-allegat incident u l-interess li jfittex lis-socjeta` intimata ghad-danni, l-istess rikorrenti baqa` jahdem fl-istess xoghol u jaghmel l-istess mansjonijiet li kellu qabel, ghalkemm jirrizulta li f'dan il-perjodu qatt m'inghata xoghol ta' strapazz, (ara foll 110);

Ikkunsidrat:

21. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li effettivament ir-responsabbilita` ghall-allegat incident in dizamina hi kompletament fuq ir-rikorrenti;

22.0. Illi ghaldaqstant, din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti pprova t-talbiet tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

22.1. Filwaqt li tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

22.2. Takkolji r-risposti tas-socjeta` intimata;

22.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**